# FERDINANDO APAP ISIR IR-RABA' PLAYER GĦAWDXI LI LAGĦAB MAT-TEAM NAZZJONALI

**minn GEORGE VELLA MUSKAT**

Fit-30 ta' Mejju li għadda, fil-partita internazzjonali ta' ħbiberija bejn Malta u l-Armenja (1-1) milgħuba f'Wattens, l-Awstrija, Ferdinando Apap sar ir-raba' player Għawdxi li lagħab mat-team nazzjonali.

Huwa lagħab ukoll żewġ logħbiet fil-UEFA Nations League - fl-10 ta' Settembru kontra l-Azerbaijan meta daħala bħala sostitut, fil-50 minuta, fil-post ta' Andrei Agius, kif ukoll fil-11 ta' dan ix-xahar stess, kontra l-Kosovo (1-3) fejn lagħab il-partita kollha.

Ferdinando Apap kien diġà lagħab ma' Malta U21 fl-istaġun 2012/2013. Huwa twieled fis-sena 1992 u beda l-karriera tiegħu man-nursery ta' Għajnsielem.

Mindu kien żgħir wera li kien player promettenti, u fil-fatt fl-istaġun 2004/05 kien magħżul Player tas-Sena fil-kategorija tal-Under 12.

Huwa ddebutta mat-team tal-kbar ta' Għajnsielem, fit-2 ta' Marzu, 2008, f'logħba tal-Ewwel Diviżjoni kontra Nadur Youngsters, b'dawn tal-aħħar joħorġu rebbieħa bl-iskor ta' 2-1.

Fl-istaġun 2012/13 huwa lagħab 23 logħba ma' Mosta F.C. fil-Premier League. Fl-istaġun 2013/14 lagħab ma' Xewkija Tigers, fl-istaġun 2014/15 ma' Victoria Hotspurs, fl-istaġuni 2015/16 u 2016/17 ma' Għajnsielem, u fl-istaġun li għadda reġa' ngħaqad ma' Victoria Hotspurs.

Huwa rebaħ diversi unuri, fosthom ma' Għajnsielem il-kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni fl-istaġun 2015/16 u l-GFA Cup fl-istaġun 2016/17 u ma' Victoria Hotspurs fl-istaġun 2017/18 rebaħ it-titlu tal-Ewwel Diviżjoni u l-GFA I Division Knock-Out.

Fl-istaġun 2013/14, fl-MFA Awards hu rebaħ ukoll il-GFA Footballer of the Year.

Ma' Apap f'dan l-istaġun 2018/19 kien hemm ukoll Għawdxi ieħor li ġie msejjaħ man-nazzjonal - Steve Sultana - huwa kien diġà ġie mgħajjat għall-ewwel darba fl-istaġun 2014/15 u reġa' ġie msejjaħ fl-istaġun 2016/17, però għadu qatt ma lagħab ma' Malta. Fl-istaġun 2017/18 ġie mgħajjat ukoll man-nazzjonal Stefan Cassar ta' Nadur Youngsters.

Tliet players oħra Għawdxin li lagħbu man-nazzjonal huma Emanuel Attard, Eddie Vella u Shaun Bajada.

L-ewwel wieħed kien Emanuel Attard (l-Għawdxi) (Hibernians) li lagħab fl-istaġun 1962/63.

It-tieni wieħed kien Eddie Vella li ddebutta fil-11 t'Ottubru, 1970, kontra l-Greċja (1-1) fil-European Nations Cup u lagħab b'kollox disa' 9 partiti.

It-tielet wieħed kien Shaun Bajada, li twieled fis-sena 1983, u kellu storja kkulurita ma' Malta għax lagħab ma' Malta fin-nurseries kollha - U16, U17, U18, U19 u U21. Mal-U21 lagħab 24 darba bejn l-istaġuni 2002/03 u 2005/06.

Mal-kbar huwa ddebutta fit-2 ta' Frar, 2008 kontra l-Armenja (0-1) u lagħab 35 logħba internazzjonali.




Ferdinando Apap (wara t-tieni mil-lemin) fil-formazzjoni inizjali ta' Malta li lagħbet kontra l-Kosovo ftit tal-jiem ilu

### UNDER 21

Nifraħ ukoll lil Christian Mercieca (Victoria Hotspurs) li kif lagħab għall-ewwel darba ma' Malta U21 fil-logħba ta' ħbiberija kontra Georgia (2-5) li ntlagħbet nhar il-11 ta' Settemrbru meta daħal flok Jurgen Degariele, fis-56 minuta.

Għall-aħħar tal-istaġun 2017/18 huwa kien diġà ġie mgħajjat biex ikun parti mill-iskwadra ta' Malta U21.

Christian Mercieca beda l-karriera tiegħu man-nursery ta' Victoria Hotspurs u lagħab ukoll man-nursery ta' Sliema Wanderers fejn rebaħ ukoll diversi unuri.

Fl-istaġun 2017/18, ma' Victoria Hotspurs rebaħ il-kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni u l-GFA I Division Knock-Out. Barra minn hekk, huwa ġie dikjarat il-Player tas-Sena 2017/18.

Minbarra Ferdinando Apap u Christian Mercieca ma' Malta U21, lagħbu wkoll Steve Sultana li lagħab mill-inqas 15-il darba fl-istaġuni 2009/10, 2010/11, 2011/12 u 2012/13; Martin Cremona (Calypsians Bosco Youths) li lagħab għaxar (10) partiti fl-istaġuni 1995/96 u 1996/97, u l-goalkeeper Adrian Parnis (Sannat Lions) li lagħab mal-U21 fl-istaġun 2011/12. Lagħab ukoll Shaun Bajada (Floriana FC) kif jidher iktar 'il quddiem.

### TALENT KBIR GĦAWDXI

Dan ifisser li f'Għawdex hawn players ta' talent, kif dejjem kien hemm ... u kif juri dan li ġej:

### FIS-SENA 1937

L-ewwel wieħed kien Willy Grima (li sar tabib) li lagħab ma' Sliema Wanderers f'logħba ta' ħbiberija kontra r-Rifle Brigade (5-2) nhar is-Sibt 11 ta' Diċembru, 1937, u skorja r-raba' goal. Is-*Sunday Times of Malta* rrapportat hekk:

*"Sliema lined up without Sammut and Freiberger, their places being filled by Vassallo, of Melita, and Grima, of the University."*

### FIS-SNIN ĦAMSIN

Is-snin ħamsin kienu ittri tad-deheb għall-football Għawdxi, fejn kellna diversi players jilagħbu fl-Ewwel Divizjoni, dak iż-żmien l-ogħla diviżjoni tal-MFA. Nibda bil-goalkeeper Ġiġi Zammit (Tal-Patri) li lagħab ma' Hamrun Spartans fl-Ewwel Diviżjoni fl-istaġun 1950/51. Nhar il-25 ta' Marzu, 1951, kien protagonista fil-logħba kontra Floriana f'logħba tal-Ewwel Diviżjoni. Hekk irraportat it-*Times of Malta*:

*Grand Goalie*

*"The Spartans were so outplayed and outclassed in the first period that their spasmodic attacks could be counted on one's fingers. That Floriana failed to change sides well in the lead was mainly due to the Spartans nippy goalkeeper, Zammit. Low and high shots were all the same for this goalie. His anticipation was uncanny and net-finding shots were well parried with ease."*

L-*Evergreen* (pubblikazzjoni ta' Floriana FC) Vol II No & April 1951 qalet hekk:

*"In the first 45 minutes the Spartans were penned in their own penalty area, and our team surged one attack after another. During this period Zammit, the Spartans nippy goalkeeper worked miracles in the Hamrun posts and he was mainly responsible for preventing us from changing ends with a very comfortable lead."*

Kien hemm imbagħad Joe Cini (Ta' Rixu) (Salesian Youths) li lagħab ma' Hibernians fl-istaġun 1950/51 u ma' Valletta F.C. fl-istaġun 1951/52, dejjem fl-ewwel diviżjoni.

Ir-raba' wieħed huwa Colin Tabone li lagħab ma' St Patrick's fl-istaġuni 1950/51 u 1951/52, u fl-istaġun 1952/53 sieħeb lil Hibernians u dam jilgħab magħhom sakemm irtira kmieni (minħabba raġunijiet personali) fl-aħħar tal-istaġun 1958/59, dejjem fl-ewwel Diviżjoni.

Emanuel Attard (l-Għawdxi) beda l-karriera tiegħu man-nurseru ta' Hibernians u ddebutta fl-Ewwel Diviżjoni fl-istaġun 1953/54 u naħseb li dam jilgħab magħhom sal-istaġun 1963/64.

Ma' Hibernians rebaħ il-Cassar Cup u l-FA Trophy fl-istaġun 1961/62 u reġa' rebaħ il-Cassar Cup fl-istaġun 1962/63.

### FIS-SNIN SITTIN

Victor Camilleri (Tas-Sufi) (SK Wanderers) lagħab mal-ewwel team ta' Sliema Wanderers fl-istaġun 1962/63.

Fis-sittinijiet kien imiss lil Eddie Vella li ddebutta ma' Valletta FC, nhar is-6 ta' Settembru, 1964 kontra Zaragoza fil-kompetizzjoni tat-Tazza tat-Tazzi. Dam jilgħab ma' Valletta FC fl-ogħla diviżjoni sal-istaġun 1975/76.

Ma' Valletta, Eddie Vella rebaħ il-Cassar Cup darbtejn, fl-istaġuni 1965/66 u 1968/69. Fl-istaġun 1969/70 hu kien magħżul bħala l-Aħjar Player tal-Ewwel Diviżjoni.

### FIS-SNIN SEBGĦIN

Eddie Vella kompla jilgħab ma' Valletta anke fis-sebgħinijiet fejn kompla jirbaħ unuri oħra - il-kampjonat fl-istaġun 1973/74; l-Independence Cup, Sons of Malta Cup u l-FA Trophy fl-istaġun 1974/75.

Fl-istaġun 1974/75 kien magħżul bħala l-Player tas-Sena. Minbarra Valletta, huwa lagħab ukoll ma' Nadur Youngsters, l-ewwel club tiegħu, Vittoriosa Stars u Balzan Youths u rtira mill-football fl-istaġun 1994/95 fl-età ta' ħamsin (50) sena meta lagħab ma' Għarb Rangers.

Ma' Valletta, fl-Ewwel Diviżjoni lagħab ukoll Raymond Hili (Xagħra United) fl-istaġun 1972/73.

Fis-snin sebgħin insibu ħames players, kollha ta' Għajnsielem, jilagħbu ma' Hamrun Spartans fl-istaġuni 1969/70 sa 1976/77.

Loretu Galea lagħab mill-istaġuni 1969/70 sal-istaġun 1973/74. Huwa ddebutta fl-FA Trophy, fis-7 ta' Mejju, 1970, kontra Qormi (2-1) u skorja ż-żewġ goals ta' Hamrun Spartans.



It-*Times of Malta* irraportat hekk:

*GOZITAN-BORN PLAYER SCORES FOR SPARTANS:*

*"It is true to say that had Hamrun Spartans discovered the Gozitan boy at centre forward before they might not have to go through the purgatory of the second division.*

*The consummate ease, with which he scored his side's two goals marked him as a player with a future, especially now that there is such a scarcity of this highly priced commodity."*

Huwa lagħab fl-Ewwel diviżjoni fl-istaġuni 1971/72, 1972/73 u 1973/74. Fl-istaġuni 1970/71 u 1974/75 Hamrun Spartans lagħbu fit-Tieni Diviżjoni. Fis-sajf tas-sena 1974 Loreto Galea emigra lejn l-Istati Uniti.

Huwa rebaħ diversi unuri mal-club ta' Għajnsielem, inkluż ħames Kampjonati wara xulxin fl-istaġuni 1969/70, 1970/71, 1971/72, 1972/73 u 1973/74 u l-Aħjar Player tas-Sena fl-istaġun 1969/70.

Ċensu Cutajar iddebutta fl-1 ta' Ġunju, 1972, fil-logħba tal-FA Trophy kontra Floriana (0-1). Huwa baqa' jilgħab sa Settembru 1976 meta siefer għall-USA. Lagħab fl-ewwel diviżjoni fl-istaġuni 1972/73 u 1973/74.

Nikol Cutajar, ħu Ċensu, iddebutta f'logħba tal-Ewwel Diviżjoni kontra Marsa fil-31 ta' Marzu, 1973 (4-1). Dam jilgħab sakemm siefer għall-Istati Uniti fis-sajf tas-sena 1976. Lagħab fl-Ewwel Diviżjoni fl-istaġuni 1972/73 u 1973/74.

Players oħra ta' Għajnsielem li lagħbu ma' Hamrun Spartans fl-Ewwel Diviżjoni kienu Toni Cauchi fl-istaġun 1973/74 u Mario Camilleri fl-istaġun 1976/77.

Ma' Hamrun Spartans lagħab ukoll Carmel Grima (It-Titan) (Sannat Lions) fl-istaġun 1976/77.

Teddy Bajada (Sannat Lions) wara li fl-istaġun 1976/77 lagħab ma' Naxxar Lions fit-Tielet Diviżjoni. Fl-istaġun 1977/78 ingħaqad ma' Valletta u fis-17 ta' Settembru, 1977 lagħab kontra Dinamo Moscow (0-2) fil-kompetizzjoni tat-Tazza tat-Tazzi; lagħab ukoll magħhom fl-Ewwel Diviżjoni.

Minbarra ma' Sannat Lions, l-ewwel club tiegħu, Valletta u Naxxar Lions, lagħab ukoll ma' St George's (Malta), Mgarr United, Calypsians Bosco Youths, SK Victoria Wanderers, Għarb Rangers u Qala St Joseph.

Ma' Marsa lagħbu fl-Ewwel Diviżjoni żewġ Għawdxin oħra, George Grech (Picchi) (SK Calypsians) fl-istaġun 1972/73 u George Attard (Ta' Farina) (Oratory Youths) fl-istaġun 1973/74.

Franky Muscat li kellu karriera twila, leali u onesta (nenfasizza onesta) ma' Tarxien Rainbows, beda jilgħab magħhom fl-istaġun 1973/74 u dam jilgħab magħhom sal-istaġun 1990/91, minbarra l-istaġun 1978/79 meta għamel sena ma' Floriana fl-Ewwel Diviżjoni wkoll.

### FIS-SNIN TMENIN

Franky Muscat kompla jilgħab ma' Tarxien Rainbows ukoll fit-tmeninijiet. Huwa lagħab fl-Ewwel Diviżjoni (li fl-istaġun 1980/81 sar il-Premier League) fl-istaġuni 1986/87 u 1989/90, filwaqt li fl-istaġuni l-oħra lagħab f'diviżjonijiet iżgħar.

Muscat beda l-karriera tiegħu ma' Sannat Lions fejn għamel ħafna staġuni, u li magħhom rebaħ ħafna unuri, inkluż il-Player tas-Sena fl-istaġun 1977/78 u lagħab ukoll ma' Dingli Swallows, Kalkara United, SK Victoria Wanderers, Xewkija Tigers, Xagħra United, Oratory Youths u Qala St Joseph.

Ma' Tarxien Rainbows lagħab ukoll Chris Debrincat (Munxar Falcons). Hu beda jilgħab magħhom fl-istaġun 1988/89 fl-Ewwel Diviżjoni meta Tarxien Rinbows rebħu l-promozzjoni għall-Premier League.

Fl-istaġun 1989/90 lagħab fil-Premier League, flimkien ma' Franky Muscat. Baqa' jilgħab magħhom sal-istaġun 1992/93, f'diviżjonijiet iżgħar.

Spiro Sillato (Victoria Hotspurs) lagħab fil-Premier League ma' Rabat Ajax fl-istaġun 1982/83. Kien ilu jilgħab magħhom mill-istaġun 1978/79, imma f'diviżjonijiet iżgħar.

Franky Saliba (Sannat Lions) iddebutta ma' Marsa fl-Ewwel Diviżjoni fl-istaġun 1983/84 u fl-istess staġun għenhom jirbħu l-promozzjoni għall-Premier League, biex b'hekk fl-istaġun ta' wara hu lagħab fil-Premier League. Baqa' jilgħab magħhom sal-istaġun 1989/90 f'diviżjonijiet inferjuri.

Inkomplu bit-tmeninijiet, fejn insibu wkoll lil Melchior Cremona (Calypsian Bosco Youths) li sieħeb lil Valletta FC f'Lulju, 1983. Huwa ddebutta, fit-3 ta' Settembru, 1983, fil-Euro Cup kontra Rabat Ajax u baqa' reġistrat magħhom sal-istaġun 1991/92.

Fil-preview tat-*Times of Malta* tal-21 ta' Ottubru, 1983, bejn dwar il-logħba tal-Premier Valletta u Rabat Ajax (1-0) ġie rraportat hekk:

*"Valletta's Gozitan born midfielder Melchior Cremona is expected to play once again for the club tomorrow in the important match against Rabat.*

*The midfielder, one of the few bright local prospects in the game, was having a good match against Floriana, in the Premier League debut last Saturday, but after being injured, he had to be substitued."*

*"Times of Malta Tuesday 25-10-1983 - Tuesday Round-up*

*... there is also the young Gozitan-born Cremona who is showing all the skills of a veteran despite his tender age."*

Ma' Valletta rebaħ il-kampjonat fl-ewwel sena tiegħu fl-istaġun 1983/84, kif ukoll fl-istaġun 1989/90.

### FIS-SNIN DISGĦIN

Fid-disgħinijiet kellna ruxxmata players Għawdxin jilagħbu fil-Premier League.

Melchior Cremona kompla jilgħab fl-ogħla diviżjoni meta fl-istaġun 1992/93 ikkonkluda l-karriera tiegħu fil-football Malti ma' Mellieħa, fil-Premier League ukoll. Lagħab ukoll ma' Oratory Youths u Victoria Hotspurs.

Ma' Melchior Cremona lagħbu wkoll ma' Mellieħa fl-istagun 1992/93 Anthony Farrugia (Victoria Hotspurs), Joseph Grech (Kerċem Ajax) u Adeodato Spiteri (Sannat Lions).

Xagħra United kellhom tliet players jilagħbu fil-Premier League. Victor Caruana u Ray Gafá bdew jilagħbu ma' Mqabba Hajduks fl-istaġun 1989/90. Fl-istaġun 1990/91 għenu lil Mqabba H. jirbħu l-promozzjoni għall-Premier League.

Filwaqt li fl-istaġun 1991/92 Ray Gafà baqa' jilgħab fil-Premier League ma' Mqabba Hajduks, Victor Caruana ngħaqad ma' Rabat Ajax fil-Premier League fl-istess staġun.

John Cassar lagħab fil-Premier ma' Hamrun Spartans fl-istaġuni 1991/92 u 1992/93, u magħhom rebaħ l-FA Trophy fl-istaġun 1991/92.

Mario Bonello (Nadur Youngsters) lagħab fil-Premier League ma' Mqabba Hajduks fl-istaġun 1991/92 flimkien ma' Ray Gafà. Fl-istaġun 1992/93 huwa lagħab ukoll ma' Birkirkara, dejjem fil-Premier League.

Dione Lautier (Oratory Youths), fl-istaġun 1992/93, lagħab fil-Premier League ma' Birkirkara flimkien ma' Mario Bonello.

Imbagħad fl-istaġun ta' wara, 1993/94, lagħab ma' Naxxar Lions fl-Ewwel Diviżjoni u għenhom jirbħu l-kampjonat biex b'hekk fl-istaġun 1994/95 lagħab ukoll fil-Premier League.

Sammy Attard (Qala St. Joseph), goalkeeper, lagħab ma' Valletta fil-Premier League fl-istaġun 1992/93 wara li kien weġġa' l-goalkeeper Reggie Cini.

Aldrin Cassar (Victoria Hotspurs) lagħab fil-Premier ma' Zurrieq fl-istaġun 1991/92. Huwa lagħab ukoll ma' Fgura United fit-tieni diviżjoni fl-istaġuni 1989/90 u 1990/91, u ma' Mosta fit-tieni diviżjoni fl-istaġun 1992/93.

Chris Camilleri (Xagħra United) hu l-player li lagħab mal-ikbar numru ta' clubs fil-Premier League. Hu ngħaqad ma' Valletta f'Ġunju 1998 u ddebutta fis-6 ta' Awwissu, 1998 fit-Tazza Super 5 kontra Hibernians (3-1), u f'dan l-istess staġun rebaħ il-Kampjonat Premier kif ukoll l-FA Trophy.

### FIS-SEKLU 21

Chris Camilleri reġa' lagħab ma' Valletta F.C. fl-istaġuni 2004/05 u 2005/06. Fl-istaġun 2006/07 lagħab ma' Pietà Hotspurs fil-Premier League.

Fl-istaġun 2008/09 beda l-istaġun ma' Msida St Joseph imma f'Jannar 2009 ingħaqad ma' Marsaxlokk fil-Premier ukoll.

F'Jannar 2010 ingħaqad u lagħab ma' Hibernians, dejjem fil-Premier. Lagħab ukoll ma' Xewkija Tigers, Nadur Youngsters, Sannat Lions, Għajnsielem FC u Victoria Hotspurs.

Chris Camilleri kien l-ewwel player Għawdxi li lagħab ma' Malta U16 u dan kien fl-istaġun 1995/96.

Huwa ddebutta f'logħba tal-kompetizzjoni tal-UEFA li saret fil-Gozo Stadium kontra l-Jugoslavja li Malta tilfet 2-0.

Fil-logħba ta' wara kontra l-Armenja (1-0), huwa skorja l-uniku goal tal-partita direttament minn corner.

Fil-GFA Awards tal-istaġun 2017/18, Chris Camilleri ta' Victoria Hotspurs ġie onorat wara li qabeż is-600 logħba kompetittiva.

Shaun Bajada lagħab fil-Premier League ma' diversi clubs. Huwa beda l-karriera tiegħu man-nursery ta' Sannat Lions u lagħab ukoll man-nursery ta' Floriana.

Iddebutta mal-kbar ta' Floriana, fit-28 ta' April, 2001, fil-Kampjonat Premier fiċ-Championship Pool kontra Hamrun Spartans (2-0) fl-età ta' 17-il sena, tmien xhur u disat ijiem.

Lagħab ukoll ma' Marsaxlokk, Msida St Joseph, Sliema Wanderers, Birkirkara, Valletta, Għajnsielem u Xewkija Tigers.

Ma' Marsaxlokk huwa rebaħ il-Kampjonat Premier fl-istaġun 2006/2007.

Ma' Birkirkara, fl-istaġun 2007/08, huwa rebaħ l-FA Trophy, fl-istaġun 2008/09 l-Euro Cup, u fl-istaġun 2009/10 il-Kampjonat Premier.

Fl-istess staġun 2009/10 huwa rebaħ ukoll il-Player tas-Sena. Ma' Valletta, fl-istaġun 2013/14, reġa' rebaħ il-Kampjonat Premier u l-FA Trophy.

Emy Bugeja (Xagħra United) beda jilgħab fin-nursery ta' Pietà Hotspurs u fl-istaġuni 2005/06 u 2006/07 lagħab magħhom fil-Kampjonat Premier.

Mark Camilleri (Xewkija Tigers) lagħab fil-Kampjonat Premier ma' Msida St Joseph fl-istaġun 2008/09.

Fl-istaġun 2009/10, Elton Vella lagħab fil-Kampjonat Premier ma' Vittoriosa Stars qabel dawn ġew relegati għall-Ewwel Diviżjoni minħabba każ ta' korruzzjoni. Fl-istaġuni 2007/08 u 2008/09 huwa kien player regolari ta' Mosta fl-Ewwel Diviżjoni.

Stefan Cassar lagħab ma' Valletta fl-istaġun 2014/15, wara li kien jilgħab ukoll fin-nursery tagħhom.

L-aħħar player Għawdxi li ngħaqad ma' club tal-Premier tal-MFA huwa Manuel Xerri (Xewkija Tigers) li fl-istaġun 2014/15 lagħab ma' Tarxien Rainbows.

### GOZO F.C.

Fl-aħħarnett, ma rridx inħalli barra lit-team ta' Gozo FC, li fl-istaġun 1999/2000 lagħab fil-Premier League tal-MFA għall-ewwel u l-aħħar darba.

Ma' Gozo FC lagħbu kemm players Għawdxin, kemm Maltin kif ukoll barranin. Jien ser insemmi biss il-players Għawdxin li fl-istaġun 1999/2000 lagħbu fil-Premier League.

Dawn huma Attard Sammy (Nadur Youngsters), Borg Noel (Victoria Hotspurs), Buttigieg Mark (Xagħra United), Camilleri Chris (Xagħra United), Camilleri Paul (Nadur Youngsters), Cremona Martin (Victoria Hotspurs), Debrincat Chris (Victoria Hotspurs), Farrugia Saviour (SK Victoria Wanderers), Lautier Dione (Victoria Hotspurs), Mejlaq Brian (Għajnsielem), Mercieca Reuben (Victoria Hotspurs), Vella Giovanni (John) (Sannat Lions) u Xuereb Jonathan (Għajnsielem).

Semmejt dan kollu biex nuri li l-football Għawdxi f'kull epoka pproduċa players ta' klassi.

Dan biex ma nsemmix ruxxmata oħra ta' players Għawdxin, uħud minnhom semmejthom iktar 'il fuq, li lagħbu ma' timijiet tal-MFA f'divizjonijiet inferjuri.